15 ta' Ottubru, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Maestà Tiegħu r-Re

*versus*

Karmnu Cuschieri

**Rikużazzjoni — Astensjoni — Indirizz — Art. 458 (2) tal-Kodiċi Kriminali, u art. 735 (d) (ii) u 739 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Imħallef jista' jiġi rikużat jekk il-kawża kienet ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru; iżda dana ma jgħoddx għal deċiżjoni mogħtija mill-Imħallef meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni, u lanqas għal sentenza li teħles "ab observantia".*

*Kieku l-Imħallef sedenti, waqt it-trattazzjoni tal-ġuri l-ieħor, irrikjama b'xi mod l-attenzjoni tal-Pulizija għar-responsabilità penali ta' l-akkużat odjern, jew irrileva l-espedjenza li jiġi proċessat l-akkużat odjern, jew, anki inċidentalment, b'xi mod esprima biċċar l-opinjoni tiegħu dwar ir-responsabilità penali ta' l-akkużat odjern, kien ikun il-każ mhux biss li huwa jaċċetta r-rikuża, imma li jastjeni. Imma meta l-Imħallef fil-ġuri l-ieħor ma jkun esprima xejn bl-ebda mod dwar ir-responsabilità penali ta' l-akkużat odjern, u fl-indirizz bl-ebda mod ma jkun għamel riferenza għal xi ċirkustanza jew espressjoni ta' opinjoni li tista' tirrifletti l-akkużat odjern, ma hemmx lok għar-rikużazzjoni tiegħu.*

*L-Imħallef huwa l-unika persuna li tista' tgħid kif u b'liema mod huwa kien esprima ruħu fl-indirizz.*

*Barra minn dan, hemm bżonn li l-akkuża tkun l-istess, u mhux biżżejjed li jkun l-istess il-fatt.*

*L-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni għandha tiġi deċiża inappellabilment mill-Imħallef rikużat.*

Il-Qorti — Rat in-nota ta' l-akkużat, preżentata fl-udjenza tal-lum, li biha rrikuża l-Imħallef sedenti in bażi għall-artikolu 458 (2) Kap. 12, in kwantu jagħmel riferenza għall-art. 735 (d) (ii) tal-Kap. 15;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond id-dispożizzjoni ċitata l-Imħallef jista' jiġi rikużat "jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala Imħallef jew bħala Arbitru; iżda *dana ma jgħoddx għal deċiżjoni mogħtija* mill-imħallef. meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles "ab observantia";

Illi, għalkemm mhux spjegat fin-nota ta' l-akkużat, dana qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq iċ-ċirkustanza illi l-Imħallef sedenti ppresjeda fil-ġuri definit fit-12 ta' Mejju 1949. "Rex vs. Salvina Zerafa u Toni Azzopardi", akkużati l-ewwel waħda talli qagħdet għall-użu ta' mezzi li bihom abortiet, u t-tieni wieħed *ta' komplicità fid-delitt tagħha; fuq iċ-ċirkustanza* l-oħra illi fil-ġuri tal-lum l-akkuża hija ta' delitt li jirrigwarda l-istess abort li kien il-meritu tal-ġuri l-ieħor; u fl-aħħarnett fuq iċ-ċirkustanza illi fit-trattazzjoni tal-kawża l-oħra l-Imħallef sedenti seta' esprima ruħu anki fuq il-meritu tal-ġuri tal-lum;

Ikkunsidrat;

Illi kieku l-Imħallef sedenti, waqt it-trattazzjoni tal-ġuri l-ieħor, irrikjama b'xi mod l-attenzjoni tal-Pulizija għar-res*ponsabilità penali ta' l-akkużat odjern, jew kieku rrileva fil*-kors tal-kawża l-espedjenza li jiġi proċessat l-akkużat odjern, jew kieku, anki inċidentalment, fil-ġuri ta' qabel esprima biċċar l-opinjoni tiegħu dwar ir-responsabilità penali ta' l-akkużat odjern—kif kien ġara fil-każ "Rex vs. Vincenzo Borg", 19 ta' Settembru 1912, fejn kien astjena l-Illmu. Imħallef Dr. Stefano Micallef (Vol. XXI, parte IV, p. 19, Kollez.)—allura kien ikun il-każ mhux biss ta' aċċettazzjoni tar-rikuża, imma ta' astensjoni. Iżda fil-ġuri ta' qabel l-Imħallef sedenti ma kien esprima *ruħu (appuntu in previżjoni ta' inċident simili) bl-ebda* mod dwar ir-responsabilità penali ta' l-akkużat tal-lum; u fl-

indirizz bl-ebda mod ma għamel riferenza għal xi ċirkustanza jew espressjoni ta' opinjoni li tista' tirrifletti l-akkużat tal-lum;

Appena hemm bżonn jiġi rilevat illi skond il-ġurisprudenza (Qorti Kriminali, "Regina vs. Barbara", 28 ta' Frar 1862), "per quel che concerne l'indirizzo del giudice, questi è la sola persona che potrebbe assicurare quale sia stato il suo proprio indirizzo, e non potrebbe mai la deposizione di altra persona avere l'effetto di persuadere il giudice che egli si sia spiegato in termini diversi da quelli dei quali egli dice o dirà di essersi spiegato nell'indirizzo";

Illi minbarra dan, skond l-interpretazzjoni kostanti ta' l-inċiż li fuqu qiegħed jibbaża ruħu l-akkużat, hemm bżonn li tkun "l-istess kawża". Applikat dan il-prinċipju, "servatis servandis", għas-sedi kriminal', għandu jfisser, in linea ta' massima, illi l-akkuża trid tkun l-istess (per eżempju, serq wieħed, u fost l-akkużati ma jkunx hemm wieħed mill-kompartеċipi, li intant l-Imħallef ikun esprima opinjoni fuq ir-responsabilità tiegħu, u dana jiġi proċessat wara għall-istess akkuża ta' serq); mentri f'dan il-każ il-fatt ta' l-abort hu l-istess, iżda l-akkuża hi diversa;

Illi skond l-art. 739 tal-Kap. 15, eċċezzjoni bħal din għandha tiġi deċiża inappellabilment mill-istess Imħallef rikużat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, komposta mill-Imħallef hekk rikużat, tiddisponi mill-eċċezzjoni fis-sens li tiċħadha; u tordna illi jiġu prosegwiti l-proċeduri.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni**

**tar-Raba' Parti**

**tal-Volum XXXIII.**

---